Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imħallef Anthony Ellul

Appell numru: 368/2011

**Francis *sive* Frank Xuereb (KI 456458M) (appellant)**

**Vs**

**Julia *sive* Julie Xuereb (KI 478983M) (appellata)**

30 ta' Mejju, 2017

Fit-3 ta' Novembru, 2011 l-attur harrek lill-konvenuta quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta):

> *"(1) prevja d-dikjarazzjoni li inti, bil-ħsieb li ttellef jew tnaqqas il-ġieħ u r-reputazzjoni tal-attur weggajtu u nġurjajtu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'diżinji jew b'xi mod ieħor, u dan meta inti allegajt diversi drabi ma' terzi persuni illi l-istess attur abbużivament u kontra l-volonta tiegħek, kien ħataf jew seraq lil bintek minuri, u ċjoe' Sophie-Anne Xuereb.*
>
> *(2) u kif ukoll prevja d-dikjarazzjoni li inti responsabbli versu l-attur għall-ħlas ta' dawk id-danni subiti minnu minħabba r-reat imwettaq minnek fil-konfront tieghu.*
>
> *(3) tħallas lill-attur dawk id-danni li jiġu likwidati minn dina l-Qorti, liema danni ma jeċċedux l-ammont ta' ħdax-il elf sitt mija ħamsa u erbgħin Ewro (11,645)".*

B'sentenza tat-23 ta' Frar, 2015 l-ewwel qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur wara li osservat li l-attur kien għal diversi ġimgħat żamm għandu lill-minuri, bint il-konvenuta. L-ewwel qorti kompliet tgħid:

> *"(….) u dan wara illi ttiehditilha kontra l-volonta' taghha, u ghalhekk l-intimata kellha kull dritt raġonevoli tikkonkludi illi r-rikorrent kien ghamel reat fil-konfront tagħha.*
>
> *Jirriżulta wkoll ampjament ippruvat illi meta l-intimata kienet ittieħdet mingħandha u kienet inżammet għand ir-rikorrenti, hija kienet qiegħda titkellem ma' social worker, illi xogħolha kien illi jivverifika l-fatti tal-każ dwar l-aċċess tat-tarbija u jirrelata lura lill-Qorti tal-Familja dwar it-talba li kienet qed issir biex l-aċċess isir għand ir-rikorrent - għalhekk kien ben ġustifikat il-fatt illi l-intimata uriet it-tħassib tagħha lis-social worker Vassallo u kellha kull dritt tesprimi l-veduti tagħha".*

L-attur appella mis-sentenza. L-aggravju hu li l-ewwel qorti għamlet apprezzament żbaljat tal-provi.

**<u>Konsiderazzjoni</u>**.

1. Il-kawża tal-attur hi bażata fuq allegata nġurja li l-konvenuta għamlet fil-konfront tiegħu. Fin-nota ta' sottomissjonijiet li ppreżenta fl-ewwel qorti l-attur għamel riferenza għall-artikolu 252(1) tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) li jipprovdi:

> *"Kull min, bil-ħsieb li jtellef jew inaqqas il-ġieħ ta' xi ħadd, iweġġħu bi kliem, b'ġesti, b'kitba, b'disinji jew b'xi mod ieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tlett xhur jew multa".*

2. Fil-fehma tal-qorti l-każ tal-attur hu mibni l-iktar fuq dak li xehedu Ingrid Vassallo u Luisa Attard. Għalhekk sabiex jirnexxi fl-azzjoni tiegħu kellu jressaq bħala xhieda lit-terzi li lilhom suppost il-konvenuta qalet li l-attur kien *'ħataf jew seraq lil bintek minuri'*.

3. L-attur xehed li l-konvenuta qalet il-kliem inġurjuż lil Ingrid Vassallo, *social worker* mill-Aġenzija Appoġġ. Din ix-xhud xehedet fis-seduta:

   (a) tal-10 ta' Diċembru, 2012 u qalet li l-konvenuta kienet qaltilha li ma riditx li l-aċċess isir id-dar tal-attur, *"....peress li kien hemm żmien meta l-istess Frank kien ħadilha t-tifla Sophie"* (fol. 26).
   (b) Tas-6 ta' Novembru, 2014 in kontro-eżami. Dakinhar qalet li l-konvenuta *"... kellha concern minħabba f'dak li kien ġara fejn Michael u l-familja tiegħu kienu ħadu lil Sophie mingħandha"* (fol. 101). Kompliet tgħid, *"Jiena ninsisti illi ma niftakarx eżattament jekk Julie kinitx attwalment semmietli u qaltli jekk Michael kienx ħa t-tifla jew li Frank ħa t-tifla"*.

   Fil-kontro-eżami x-xhud wriet stat ta' inċertezza dwar x'kien intqal lilha mill-konvenuta. Il-konvenuta kienet tkellmet ma' Vassallo fil-kors ta' proċess ġudizzjarju, peress li bħala social worker kienet ġiet involuta fir-rigward tal-aċċess għall-minuri. Fil-fatt xehedet, *"Jiena nieħu ħsieb l-aċċess b'superviżjoni tal-istess tifla minuri"* (fol. 25). Jidher li l-konvenuta kienet esprimiet id-dubju tagħha li l-aċċess għall-minuri jsir barra l-bini tal-Aġenzija Appoġġ, ċjoe' fid-dar tal-attur.

4. Wara s-seduta tal-14 ta' Mejju, 2012 li fiha xehed l-attur, fl-10 ta' Diċembru 2012 ippreżenta affidavit ta' Luisa Attard (fol. 29) li rrakkontat kif f'Ottubru, 2011 kienet iltaqat mal-konvenuta u qaltilha:

   > *".... li r-relazzjoni tagħha ma' Michael kienet spiċċat. Fost l-affarijiet li qaltli, semmiet li Frank Xuereb ma kienx mexa sew magħha għax serqilha t-tifla, u li minħabba fih, hija ma setatx tkun ma' bintha. Nispjega li l-kelma li wżat Julie Xuereb preċiża kienet 'kidnapping', u ċioe' li Frank Xuereb kien 'kidnapper' tat-tifla tagħha".*

   Ma jirriżultax li sar kontro-eżami lil din ix-xhud. L-ewwel qorti qalet li tiddubita kemm intqal dak il-kliem lix-xhud meta tqies li qalet: *"Jiena naf lil Frank Xuereb u lil martu Maria billi Maria Xuereb u jiena relatati mal-familja"*. Osservat ukoll kif il-konvenuta kienet ċaħdet li qalet il-kliem lil xi ħaddieħor. Għal dak li jirrigwarda l-verżjoni li tat Luisa Attard, il-konvenuta xehedet:

   > *"Louisa Attard jien ma nafhiex sew. Iltqajt magħha fil-Milied meta twieldet it-tifla jiġifieri fis-sena 2009. Jiena ma togħġobnix il-preżenza ta' Louisa Attard, allura kont inżomm 'il bogħod minnha. Jien għandi ngħid li Louisa Attard għandha relazzjoni ma' ċertu John illi jiġi ħu Maria, illi issa żżewġet lil Frank Xuereb. Jiena nikkonferma illi dakinhar rajtha imma jiena bil-kemm kellimtha u ċertament qatt ma kelli ċans ngħidilha dawk l-affarijiet kollha illi hi allegat li jiena għidtilha. Jiena din il-bniedma ma nafhiex u allura ma nafx għaliex qed tgħid hekk".*

Fil-liġi m'hemm l-ebda regola li l-fatt li ma jsirx kontro-eżami ta' xhud allura dak li jkun qal ix-xhud għandu bilfors jitwemmen mill-qorti. Li kieku l-konvenuta ma semmiet xejn dwar dak li qalet ix-xhud, l-affarijiet kienu jkunu differenti. Pero' l-konvenuta ċaħdet li qalet dawk il-kliem. L-ewwel qorti kellha kull dritt li tiddubita l-verżjoni li tat Luisa Attard, meta tqies:

(a) Żgur li x-xhud kienet ferm iktar qrib tal-attur mill-konvenuta;
(b) Ma jirriżultax li x-xhud u l-konvenuta kienu ħbieb jew li kienu jiltaqgħu ta' sikwit;
(c) Ma jirriżultax li x-xhud u l-konvenuta qatt iddiskutew il-problemi li l-konvenuta kellha fiż-żwieġ;
(d) Is-suġġett delikat li suppost dwarha kienet tikkonċerna l-konversazzjoni;
(e) Ma jirriżultax li fiż-żmien li f'Ottubru, 2011, ċjoe' ż-żmien li fih Luisa Attard qalet li ltaqgħet mal-konvenuta, it-tifla kienet fil-kura tal-attur.

5. Fis-seduta tat-22 ta' Settembru, 2014 il-konvenuta xehedet: *"ngħid illi iva jiena kont għedtilha illi Frank Xuereb kien seraqli t-tifla. Jien dan id-diskors lil Ingrid Vassallo biss għamiltu"* (fol. 97). F'dik l-istess seduta l-konvenuta qalet ukoll:

- *"Jiena nixtieq ngħid illi Frank Xuereb seraqli t-tifla meta kellha tliet ġimgħat u dak iż-żmien meta mbagħad kont għamilt rapport għand il-pulizija...."*
- *".... bejn meta ttieħditli t-tifla u kienet għand Frank Xuereb u eventwalment beda jara t-tifla Michael għand l-Appoġġ, kien hemm diversi okkazzjonijiet fejn jiena ħallejt t-tifla għand Frank Xuereb u ngħid illi dan huwa għax jien nixtieq ngħid illi t-tifla ma kinitx għandi għal madwar gimagħtejn u nofs, tliet ġimgħat minn meta ttieħditli".*

Mela hemm ammissjoni tal-konvenuta li qalet li 'seraq' it-tifla. Kien ovvjament l-oneru tal-konvenuta li tagħti prova li effettivament it-tifla ttieħdet mill-attur. Prova li ma saritx. Hu veru li mill-provi rriżulta li l-minuri għamlet xi żmien għand l-attur, pero' ma jirriżultax li ċaħħad lill-konvenuta milli tara lil bintha. Fil-fatt il-konvenuta stess xehedet:

> *"Jien għandi ngħid li Frank Xuereb anke tani l-ħinijiet meta mmur nara t-tifla u jiena mort għalkemm ma stajtx niflaħ niċċaqlaq wisq dak iż-żmien u kelli depression qawwi u ma stajtx nimxi sew. Jien għandi ngħid illi jiena meta kont immur kienet tifħali l-partner ta' dak iż-żmien issa mara ta' Frank Xuereb u kienet tiftaħli, tħallini nara t-tifla imbagħad nerga' nitlaq 'l barra".*

6. Wieħed jista' jargumenta li l-probabilta' hi li kieku l-attur kien qabad u ħa l-minuri minn taħt idejn il-konvenuta kontra l-volonta' tagħha, kienet tirraporta lill-pulizija kif għamlet fid-9 ta' Jannar 2010 kontra żewġha (ara rapport a fol. 48). Hekk ukoll hemm provi li jindikaw li minkejja l-imsemmi rapport, il-konvenuta baqgħet f'kuntatt mal-familja ta' żewġha u toħroġ magħhom kif ukoll titkellem ma' żewġha. Saħansitra hi stess xehedet li kienet tmur tara lil bintha d-dar tal-attur, u wara titlaq lura lejn darha. Madankollu mill-provi rriżulta wkoll li kien biss wara li l-konvenuta kkonsultat ma' avukat li rnexxielha tieħu lura l-kura ta' bintha. Fil-fatt l-avukat Dr Simon Micallef Stafrace, li kien l-avukat li fiz-zmien in kwistjoni kien jassisti lill-konvenuta, xehed:

i. Ikkonferma dak li kiteb f'dikjarazzjoni ffirmata fl-10 ta' Jannar, 2012 (fol. 51) fejn jingħad: *"I have an annotation in my diary that a meeting was held on the 18th February 2010 at Dr Pierre Lofaro's office. This was held to try to solve the situation with regard to Sophie Anne and bring Sophie Anne back with her mother"* (fol. 51). Skont l-istess xhud preżenti

għal laqgħa kien hemm ukoll l-attur (fol. 65). Dan ikompli jikkonvinċi lill-qorti li f'dak iż-żmien il-kura tat-tifla kienet għand l-attur. Il-qorti ma tistax tispjega mod ieħor il-preżenza tal-attur fil-laqgħa.

ii. *"Kien hemm żgur perjodu, ma' niftakarx meta imma hemm perjodu fejn Julie Xuereb kienet qed tilmenta miegħi li t-tifla tagħha kienet qegħda tinżamm minn missier Michael Xuereb kontra r-rieda tagħha".*

iii. Il-kwistjoni dwar il-minuri kienet damet ix-xhur.

iv. Kien hemm perjodu meta l-konvenuta kienet qegħda ssibha diffiċli sabiex tara lil bintha pero' mbagħad instabet soluzzjoni; *"Kien hemm perjodi fejn kienet qed issib diffikulta biex tara t-tifla tagħha u waħedha t-tifla qatt ma ratha".*

*v. "Il-problemi li konna ddiskutejna f'dan il-meeting kien prinċipalment il-problema ta' Sophie Ann Xuereb ......".*

Wieħed jista' jargumenta li x-xhud qal dak li rrakontatlu l-konvenuta, u għalhekk il-prova mhi xejn għajr *hearsay evidence*. Jibqa' l-fatt li x-xhud kien żgur jaf x'inhi l-problema tal-konvenuta fil-perjodu in kwistjoni, in kwantu kien hu li assistiha sabiex tinstab soluzzjoni li wasslet biex il-konvenuta tieħu lura l-kura ta' bintha. Ix-xhud stess qal li fil-laqgħa il-kwistjoni prinċipali li kienet ġiet diskussa kien dwar il-minuri.

Hemm imbagħad ukoll id-deposizzjoni ta' missier il-konvenuta li kkonferma li kien hemm żmien meta kien jisma' lil bintu iċċempel lill-attur u titolbu li t-tarbija tingħata lura lilha, u tibki fuq it-telefon. Ħaġa li qal li ġrat kemm-il darba.

7. Fil-fehma tal-qorti kuntrarjament għal dak li jsostni l-attur, mhux kollox kien miexi fuq ir-rubini bejnu u l-konvenuta. Tant hu hekk li kien hemm l-intervent tal-avukati u saret laqgħa fejn ġiet diskussa l-kura tat-tarbija u nstabet soluzzjoni għad-diżgwid.

8. Fiċ-ċirkostanzi l-qorti fehmet li l-kliem li l-konvenuta qalet lil Ingrid Vassallo kienu dwar il-fatt li għall-perjodu l-attur kien żamm il-minuri kontra l-volonta' tagħha. Il-qorti ssibha diffiċli temmen li l-konvenuta tkun għamlet *sweeping statement* u waqfet hemm. Il-probabilta' hi li meta persuna tkun qegħda tiftaħ qalbha ma' persuna oħra, ser tirrakkonta l-esperjenza li tkun għaddiet minnha u mhux tgħid fatt u tieqaf hemm. Dan japplika wkoll jekk wieħed kellu jemmen li l-konvenuta qalet lil Luisa Attard li l-attur *"kien kidnapper tat-tifla tagħha"* (fol. 29). Dan japplika iktar u iktar fil-każ ta' Ingrid Vassallo li kienet l-uffiċjal tal-Aġenżija Appoġġ li kellha x'taqsam ma' affarijiet relatati mal-minuri. Wara kollox il-konvenuta kienet qegħda tiddiskuti magħha jekk l-aċċess għat-tifla kellux isisr fir-residenza tal-attur.

9. Wara li qieset dak li xehed Dr Micallef Stafrace, il-qorti żżid li temmen li probabilment kien hemm perjodu meta l-konvenuta riedet li t-tarbija terġa' tkun taħt il-kura u dwar dan is-suġġett ma kienx hemm qbil mal-familja tar-raġel. Fil-fatt il-qorti fehmet li kien biss wara li saret laqgħa li għaliha attendew l-avukati tal-partijiet li l-konvenuta rnexxielha terga' tieħu l-kura ta' bintha. Fiċ-ċirkostanzi meta l-konvenuta tkellmet ma' Ingrid Vassallo l-qorti ma tarax li l-konvenuta kellha l-intenzjoni li tinġurja lill-attur iżda li turi l-preokkupazzjoni tagħha għall-fatt li l-aċċess għat-tifla isir fid-dar tal-attur minħabba dak li kienet għaddiet minnu. Wieħed jista' jsostni li l-kliem qalet il-konvenuta ma kienx floku, meta tqies li m'hemmx provi li l-attur:

i. mar u ħataf lit-tarbija;
ii. qatt ippretenda xi ħaġa sabiex jagħti t-tarbija lura lill-konvenuta;

Pero' kif diġa aċċennat, fuq bażi ta' probabilta' l-konvenuta kienet spjegat l-esperjenza tagħha u mhux sempliċement qalet li l-attur 'ħataf' jew 'seraq' lit-tarbija.

**Għal dawn il-motivi l-qorti tiċħad l-appell bl-ispejjeż kontra l-attur.**

Anthony Ellul.